MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 200/2001/1

**Middle Sea Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assigurat taghhom ASA Group Ltd u l-istess ASA Group Ltd**

**vs**

**Michael Frendo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-13 ta' Marzu, 2001 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilta', jhallas is-somma ta' tmien mija u sbatax-il lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm817.82) liema somma hija dovuta in linea ta' danni kagunati fil-fond tal-assigurat meta dahal ilma tax-xita mill-fond tieghu waqt li huwa kien qed jaghmel xogholijiet strutturali fil-fond tieghu u dana billi huwa naqas milli jiehu dawk il-prekawzjonijiet necessarji sabiex jipprotegi l-fond ta' l-attur.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

L-allegazzjoni tal-atturi li d-danni reklamati gew kagunati minhabba li l-eccipjent naqas li jiehu l-prekawzjonijiet necessarji hija ghal kollox infondata billi l-eccipjent ma ghamel xejn li setgha kkontribwixxa b’xi mod ghad-danni lamentati kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta’ Mejju 2001 fejn innominat lil AIC Albert Fenech bhala espert tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet ta’ l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat ir-relazzjoni pprezentata fit-28 t’Awissu 2006 u mahlufa fit-22 ta’ Novembru 2006.

Semghet lill-istess perit tekniku minnha nnominat ineskussjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija r-rizultat ta’ hsara subita fil-fond ta’ l-assikurat tas-socjeta’ attrici ASA Properties Limited, fi Triq il-Wied Hal Balzan, wara li kien dahal l-ilma waqt maltempata qawwija li grat bejn it-28 ta’ Novembru u l-1 ta’ Dicembru 1999. Gie allegat li dan l-ilma dahal minn fond sovrastanti li huwa proprjeta’ tal-konvenut.

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut ghamel tibdiliet strutturali fil-fond tieghu fl-ewwel sular bl-indirizz 274, Flat 2, Triq il-Kbira, Hal Balzan li huwa direttament sovrapost *hairdressing salon* numru 275 ta’ terzi fuq in-naha ta’ quddiem u sovrapost tlett ikmamar mill-fond numru 273 B

ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici fuq in-naha ta' wara. Bejn it-28 ta' Novembru u l-1 ta' Dicembru 1999 nizlu 279millimetri jew ghaxar pulzieri u nofs xita. Dina titqies bhala xita torrenzjali li nizlet kwazi kontinwament fil-granet imsemmija. Saret hsara fil-fond ta' l-assikurat ta' l-attur illi jinsab fil-pjan terran taht parti mill-fond tal-konvenut li wara li kien bena sular iehor fuq li kellu u lesta bix-xoghol strutturali kollu komplut bil-kontrabejt u bil-katusi ta' l-ilma u dranagg, kien ghadu ma lestiex ix-xogholijiet l-ohra kollha fil-fond minhabba fil-maltemp. Wara l-maltempata Brian Abela direttur ta' l-ASA Properties Limited ghamel claim ma' l-assikurazzjoni fejn wara illi ghamlu l-proceduri kollha baghtu *"chartered loss adjuster"* u anke l-perit Dennis Camilleri. Hallsu lis-socjeta' ASA Properties Limited l-ammont ta' tmien mija u sbatax-il lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm817.82) u issa s-socjeta' attrici wara li giet issurrogata fid-drittijiet tas-socjeta' msemmija qieghda ddur fuq l-attur ghar-rizarciment tad-danni subiti.

It-tekniku nominat mill-Qorti wara li ghamel il-konstatazzjonijiet kollha necessarji wasal ghal konkluzzjoni illi l-perkolazzjoni ta' l-ilma illi dahal fil-fond ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici seta' dahal minn zewg sorsi partikolari. Min nahha ta' fuq, mill-fond tal-konvenut fejn ghad kien hemm il-hajt ta' l-appogg mhux miksi u min nahha tat-triq li setgha kien tant qawwi biex jikkostitwixxi l-fattur principali ta' l-inondazzjoni tal-pjan terren tal-fondi matul it-triq kollha.  Sors iehor jigi min nahha ta' wara mill-btiehi fejn minhabba l-fatt li l-katusi ta' l-ilma u tad-drenagg ikunu fgati allura f'dak il-kaz l-ilma ma jkollux fejn imur, ifur fil-btiehi u konsegwentement jidhol fil-fondi fil-pjan terren.

It-tekniku kkonkluda illi *"b'hekk jidher car li l-kagun principali tal-indonazzjoni tal-fond tas-socjeta' ASA Group Limited  kien il-wied, ghaliex il-perkolazzjoni ta' l-ilma mis-saqaf tal-fond tal-konvenuti dak sovrastanti setghet biss ikkontribwiet ghal xi hsara partikolari bhas-soffit u parti zghira biss mill-hsara l-ohra li l-imsemmija socjeta' sofriet waqt il-maltempata."*  Il-perit sostna l-argument tieghu b'kalkoli teknici bhalma jidher fil-paragrafu hamsa u hamsin tar-relazzjoni tieghu fejn dana wara li gie mehud

inkonsiderazzjoni l-ammont ta' ilma illi kien hemm fil-pjan terren u l-oghla livell tieghu, kkonkluda illi *"mhux koncepibbli illi ammont ta' ilma hekk kbir f'post pjuttost zghir seta' kollu kemm hu pperkola minn hajt ta' appogg tal-bricks li ma kienx miksi, u minn gewwa l-fond sovrastanti tal-konvenut, kif bazikament allegat is-socjeta' attrici."* (para 56).

Ghal darb ohra f'paragrafu 62 ighid "il-kagun primarju tal-hsara kollha minhabba x-xita torrenzjali li nizlet kien il-wied li ghadda mit-triq u inonda l-fond fil-pjan terren mhux biss l-ilma li seta' dahal min naha tal-bieb ta' barra izda l-aktar bl-ilma li dahal mill-bitha ghax il-wied kompla mpedixxa l-hrug ta' l-ilma mill-katusi fgati bl-istess ilma tax-xita minn fuq il-bejt, pero' ma eskludiex il-possibilta' illi setghet grat xi hsara mill-perkolazzjoni ta' l-ilma bejn il-hajt ta' l-appogg li l-konvenut kien ghadu ma lahhaqx kahhal u kesa. Dan seta' kompla ghadda mis-saqaf ta' bejn il-fondi in kwistjoni u kkontribwixxa ghal hsara subita fil-fond ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici. Ikkalkola pero' illi din il-hsara ma setghetx tkun aktar minn tletin fil-mija tal-hsara kollha subita fil-fond.

Ikkunsidrat:

Huwa principju assodat fil-gurisprudenza lokali illi persuna ghandha tkun responsabbli biss f'kaz ta' traskuragni, nuqqas ta' hila u negligenza da parti taghha. Ghalhekk jekk hsara tkun kawzata mhux b'dawn il-kriterji allura ma jfissirx illi din il-persuna ghandha tkun responsabbli ghal hsara kollha subiti minn terzi. Il-konvenut zgur li ma jistax ikun tenut responsabbli ghal hsara kawzata mill-wied li dahal fil-pjan terren mill-bitha jew inkella mill-ixquq tal-bibien ta' barra. Il-maltempata kienet "act of God" u taghha l-konvenut ma ghandux iwiegeb.

Mir-relazzjoni tat-tekniku pero' jista' jaghti l-kaz li l-konvenut kien responsabbli ghall-ilma li dahal mill-fond tieghu peress illi huwa ma lahaqx kesa l-hajt tal-bricks u b'hekk ipperkola ilma fejn, li kieku kien miksi, ma kienx jipperkola. Veru illi l-konvenut ma lahaqx spicca x-xoghol fil-hin qabel il-maltempata pero' kulhadd jaf illi f'dawk iz-

zminijiet tal-harifa f'Malta taghmel hafna xita u hija probabbli li f'dak iz-zmien taghmel xita anke torrenzjali kif fil-fatt gara, u ghalhekk il-konvenut messu ppreveda u ma jhallix il-possibilta' li ssir hsara lil terzi tramite xi nuqqas tieghu meta halla l-hajt mhux miksi. Veru illi waqt il-maltempata pprova jirrimedja billi jaghmel sheeting tal-plastic, izda dan ma kienx bizzejjed u xi ammont ta' ilma nizel fil-fond ta' tahtu. Kif gia gie konstatat it-tekniku kkonkluda din il-hsara kkawzata mill-perkolazzjoni mill-fond tal-konvenut fl-ammont ta' tletin fil-mija (30%) tal-hsara totali. Il-Qorti ma jidhirliex li ghandha tiddipartixxi mill-argumenti li gab il-perit tekniku, aktar u aktar meta minn barra l-kwalifiki tieghu ta' perit, joqghod fl-istess triq u jaf sew x'ifisser il-wied u x'kapaci jaghmel meta dan ighaddi minn dik il-lokalita'. Ghalhekk il-Qorti zgur li mhix sejra tiddipartixxi mill-konkluzzjonijiet minnu raggunti u ma ssib l-ebda raguni li ghandha tbiddilhom.

Ghalhekk filwaqt li tiddikjara illi taqbel ma' l-argumenti migjuba mill-perit tekniku u mal-konkluzzjonijiet minnu raggunti, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici. Tiddikjara lill-konvenut parzjalment responsabbli ghal hsara subita fil-fond tal-assikurat tas-socjeta' attrici. Tillikwida din il-hsara fl-ammont ta' mitejn u hamsa u erbghin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm245.18) u tikkundanna lill-konvenut li jhallas din is-somma hekk likwidata in linea ta' danni kagunati fl-istess fond tal-assigurat meta dahal l-ilma tax-xita mill-fond tal-konvenut waqt li huwa kien qed jaghmel xogholijiet strutturali fl-istess fond u naqas milli jiehu dawk il-prekawzjonijiet necessarji sabiex jipprotegi l-fond ta' l-assikurat ta' l-attur.

Bl-ispejjez kwantu ghal zewg terzi ghas-socjeta' attrici u terz ghal konvenut u bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------